MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 450/2002

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jamel Araiedh**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u seba u tletin lira maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1837.52,0) rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-"mobile phones" bin-numru 9942 1718 u 9943 0533 rregistrati f'isem il-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data meta l-ammonti pretizi mis-socjeta attrici f'dan l-avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjes tal-mandat ta' qbid u

sekwestru pprezentat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1837.52,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru tat-8 ta' Lulju 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------